# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 15 ta’ Marzu, 2002**

**Numru**

**Avviz Nru. 1178/96 DM**

**Panta Marketing & Services Limited**

**vs**

**Micallef Brothers Limited u b’digriet tas-26 ta’ Gunju, 2001, l-isem tas-socjeta’ Micallef Brothers Limited gie sostitwit ghal Discus Products Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

**<u>L-Avviz Promotorju</u>**

1. B'avvizipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) is-socjeta'

esponenti kienet talbet il-kundanna tas-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm555 (hames mija u hamsa u hamsin Lira Maltija) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' airconditioning unit debitament mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' esponenti.

**L-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta**

2. Is-socjeta' konvenuta appellata eccepiet illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi kellhom jigu respinti ghax huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ai termini tal-ftehim ta' bejn il-partijiet il-bejgh imsemmi fl-avviz fil-fatt ma kienx komplut;

Illi, inoltre, is-socjeta' konvenuta eccepiet illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi kellhom jigu respinti ghax huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ukoll peress li l-bejgh ta' l-airconditioning unit kellu jsir bil-kundizzjoni li tali unit jaqdi l-funzjonijiet tieghu hekk kif mitluba mill-konvenut u hekk kif garantiti mill-atturi, liema kondizzjoni qatt ma setghet tigi osservata peress li l-apparat provdut mill-atturi ma kienx tal-qawwa mitluba;

Illi s-socjeta' konvenuta ddikjarat li kienet sejra tintavola kawza proprju biex jigi smantellat l-imsemmi airconditioning li n-nuqqasijiet tieghu qed jikkawzaw danni lilha. Din il-kawza fil-fatt giet intavolata permezz ta' Avviz Nru. 1431/96 fl-ismijiet "Micallef Brothers Limited vs Panta Marketing & Services Limited, u b'digriet taghha ta' l-24 ta' Marzu, 1997, il-Qorti tal-

Magistrati (Malta) ordnat li dan l-avviz kellu jinstema' u jigi deciz flimkien mal-kawza fl-ismijiet inversi, u cioe' il-kawza li minnha qieghed isir il-prezenti appell.

**Is-sentenza appellata**

3. Bis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru, 200, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghogobha tilqa' l-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku u laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u ddikjarat li l-airconditioning unit kellu jigi stallat bil-kondizzjoni li tali unit jaqdi l-funzjonijiet tieghu hekk kif mitluba mill-konvenut u hekk kif kellhom jiggarantixxu l-atturi, izda din il-kundizzjoni ma gietx osservata u konsegwentement cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**L-Appell tas-socjeta' konvenuta**

4. Is-socjeta' attrici hasset ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza u interponiet appell minnha fuq l-aggravju segwenti:-

> "Illi fl-ewwel lok is-socjeta' attrici hasset ruhha aggravata minn dik il-parti tas-sentenza li kkonkludiet illi hi naqset li tagixxi bhala 'bonus pater familias' f'dan il-kaz. Illi gie ampjament ippruvat illi l-apparat li gie supplit lis-socjeta' konvenuta kien ta' kwalita' tajba u b'kapacita' sufficjenti kemm ghall-kobor tal-fond fejn gie stallat, kif ukoll ghall-uzu li ghalih intalab. Irrizulta illi s-socjeta' konvenuta kienet talbet biss ghal temperatura komda gewwa kcina kummercjali, b'riferenza partikolari ghas-sajf. Din il-kondizzjoni tal-bejgh zgur giet adempita mis-socjeta' attrici, tant li kull reading li ttiehdet mit-technicians taghha fil-perjodu bejn Gunju u Settembru, 1995, fl-eqqel tas-sajf

kienu juru temperatura ta' cirka 24 gradi Celsius.

Illi skond l-istandards internazzjonali ta' l-airconditioning, it-temperatura fi kcejjen kummercjali tista' tkun sa 27 grad Celsius minghajr riskji. Wiehed hawn ghandu jqis illi fi kcejjen kummercjali jkun hemm hafna izjed tisjir u shana diretta milli jkun hemm fil-kcejjen domestici jew gewwa fondi ohra. B'danakollu, it-temperatura mehuda mit-technicians tas-socjeta' attrici f'kull access li ghamlu dejjem kien jirrizulta ghal cirka 24 grad Celsius, u cioe' temperatura izjed baxxa minn dik kunsidrata komda mill-istandards internazzjonali. Dan il-fatt ingab a konjizzjoni tal-perit tekniku meta hu gie pprezentat fil-kors ta' smiegh ta' din il-kawza, b'kopja ta' "Ashras Application Hand Book ta' l-1995" liema ktieb jinkorpora fih it-temperaturi idejali bl-apparat ta' airconditioning fi kcejjen kummercjali.

Illi anke fl-access mizmum minnu fit-23 ta' Lulju, 1997, il-perit tekniku kkonstata illi l-apparat kien "qed jiffunzjona u hadem sewwa sa 27 grad centigrad izda meta inxteghel l-extractor fan fil-kamra adjacenti t-temperatura nizlet 26 centigradi. L-istess perit tekniku kkonstata ukoll illi l-apparat ta' l-airconditioner jahdem u m'ghandu l-ebda difett hlief l-airloom (grill) li kellu jinbidel mis-socjeta' attrici. Din il-parti ma ghandha ebda effett fuq il-kwalita' ta' l-apparat.

Illi s-socjeta' attrici tissottometti umilment illi l-ewwel Qorti kellha l-ewwel tistabilixxi x'kienu l-kondizzjonijiet tal-bejgh u imbaghad tghaddi ghall-konkluzzjonijiet taghha dwar jekk dawn il-kondizzjonijiet gewx adempiti jew le da parti tas-socjeta' esponenti.

Jirrizulta, fil-fehma umli tas-socjeta' attrici illi l-unika kondizzjoni mposta mis-socjeta' konvenuta ghall-bejgh in kwistjoni kienet illi l-apparat kellu jipprovdi temperatura komda ghal kcina kummercjali. Din il-kondizzjoni, bhal ma gia accennat is-socjeta' attrici, giet adempita minnha, tant li kull "reading" tat-temperatura fil-fond kemm da parti ta' l-atturi, kif ukoll da parti tal-perit tekniku kienu juru temperatura komda skond l-istandards internazzjonali kkwotati mill-atturi u mhux kontradetti mill-konvenuti.

Illi s-socjeta' attrici thoss ruhha aggravata mill-konkluzjoni raggjunta kemm da parti tal-perit tekniku kif ukoll da parti ta' l-ewwel Qorti illi s-socjeta' konvenuta kienet specifikatament infurmat lis-socjeta' attrici li kien ser ikun hemm xoghol ta' thakkik ta' gobon fil-fond fejn kellu jigi stallat l-apparat.

Illi bhal ma xehed Victor Gauci, li kien is-salesman inkarigat mis-socjeta' attrici biex jaghmel il-bejgh lill-konvenuti, meta mar fuq il-post in kwistjoni, kull ma ntalab mis-socjeta' konvenuta kien "comfort temperature". Ix-xhud innega li s-socjeta' konvenuta kienet semmiet li kien ser jinhadem it-thakkik tal-gobon fil-kcina, u li ghalhekk kellu bzonn temperatura baxxa. Sahansitra dan ix-xhud iddikjara illi li kieku talbu hekk ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, hu kien jaghtih tip iehor ta' airconditioner.

Illi l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li l-apparat ta' airconditioning mibjugh mis-socjeta' attrici ma kienx tal-qawwa mitluba hija fil-fatt kontradetta mill-perit tekniku. Dan ta' l-ahhar ikkonkluda, kuntrarjament ghal dak li sostniet l-ewwel Qorti, illi ma kienx hemm problema mill-apparat, izda li kien mehtieg apparat bi dehumidifier ghall-iskopijiet ta' thaddim tal-gobon.

Illi b'danakollu, s-socjeta' attrici tissottometti bir-rispett illi ma sarulha ebda kondizzjonijet ghal dak li jirrigwarda umdita' da parti tas-socjeta' konvenuta, tant illi s-socjeta konvenuta semmiet biss temperatura komda, liema temperatura giet supplita permezz ta' l-apparat mibjugh.

Ghaldaqstant is-socjeta' appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tichad l-eccezzjonijiet kollha migjuba mis-socjeta' konvenuta appellata u tilqa' t-talbiet atturi bl-ispejjez taz-zewgt istanzi kontra s-socjeta' konvenuta appellata”.

**<u>Risposta ta' l-appell ta' Discus Products Co. Ltd. gia Micallef Brothers Limited</u>**

5. Is-socjeta' appellata wiegbet hekk:

“Illi din il-kawza qed tinstema' mal-kawza fl-ismijiet inversi, liema kawzi gew decizi separatament izda fl-istess gurnata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Ottubru, 2000, minn liema zewg kawzi s-socjeta' Panta Marketing & Servicing Limited interponiet appelli rispettivi.

Illi dan l-appell jirrigwarda t-talba tas-socjeta' attrici u appellanti biex is-socjeta' appellata thallas il-bilanc ta' prezz ta' apparat ta' l-arja kkondizzjonata lilha kkonsenjat, liema bilanc kien jammonta ghal Lm555 u cioe' nofs il-prezz ta' l-oggett konsenjat.

Illi mix-xhieda rrizulta li rapprezentant tas-socjeta' esponenti kien talab lis-socjeta' appellanti tistallalu air-conditioning unit ghall-kcina specjalizzata li ghandu fejn fiha jigi ppakkjat ikel u jinhakk il-gobon. Dan ir-rapprrezentant Donald Micallef, jghid li huwa semplicement talab li l-air conditioner ikun addattat ghal dan il-post u ambjent. Xhieda tas-socjeta' attrici jaccettaw li dan Donald Micallef qatt ma talab apparat ta' sahha partikolari, izda jghidu li talabhom temperatura komda. Kif irrimarkaw tant tajjeb kemm l-espert tekniku mqabbad mill-Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll dik l-istess Qorti fis-sentenza taghha, is-socjeta' appellata mhix xi ditta li tispecjalizza fl-ikkundizzjonar ta' l-arja, izda tispecjalizza fl-ikel; ghalhekk kellha tkun is-socjeta' appellanti li tindaga, tara u tiddeciedi x'tip ta' apparat kien mehtieg fil-fond ta' l-appellata. Di fatti rrizulta li qabel ittiehdet decizjoni dwar x'apparat jitwahhal, is-socjeta' appellanti baghtet impjegat taghha fil-fond in kwistjoni biex jinvestiga x'kien hemm bzonn.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' appellata halla f'idejn il-Panta Marketing & Services Ltd. biex tiddeciedi x'apparat kien hemm bzonn, u qaghad fuq dak li ssuggerewlu. Gara li minkejja li twahhal dan l-apparat u beda jahdem, il-gobon li kien qed jinhakk kien qed jumda u jimmoffa. L-appellata rrappurtat li l-air-conditioner ma kienx qed jiffunzjona kif suppost, u s-socjeta' appellanti baghtet it-technicians taghha ghal darba, tnejn, tlieta, u dawn insistew li kien hemm kollox sew. Fil-fatt dan l-apparat qatt ma trangalu xejn, l-anqas l-airloom li giet konsenjata mkissra, ghax din baqghet ma giet sostitwita qatt.

Illi s-socjeta' appellanti hassitha aggravata bis-sentenza appellata, ghaliex l-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici ghall-hlas peress li fl-ewwel lok is-socjeta' Panta Marketing & Services Ltd. ma agixxietx bhala "bonus pater familias", u fit-tieni lok ghaliex, skond l-appellanta l-Qorti kellha l-ewwel tistabilixxi x'kienu l-kondizzjonijiet tal-bejgh, sabiex imbaghad tinvestiga inkisritx xi wahda minn dawn il-kondizzjonijiet.

Illi bir-rispett kollu, l-esponent ma jaqbilx ma' l-appellanta meta tghid li l-Qorti ma stabbilietx x'kienu l-kondizzjonijiet tal-bejgh,

ghaliex dik il-Qorti strahet fuq il-konkluzzjonijet ta' l-espert tekniku li kien irrizultalu li l-esponenti kienet semplicement talbet lis-socjeta' appellanti tistallalha air-conditioning unit addattat ghall-post in kwistjoni u x-xoghol li jsir fih, inkluz il-hakk tal-gobon. Minn dan jigi logikament dedott li jekk l-apparat stallat ma jkunx addattat ghall-fond u x-xoghol li jsir fih, allura dik il-kondizzjoni tal-bejgh tkun inkisret. L-espert tekniku rrizultalu li l-apparat stallat ma kienx addattat ghall-fond u x-xoghol li kien qed isir fih, ghax l-apparat htieglu jkun wiehed li jkollu nkorporat fih dehumidifier. Ghalhekk il-kondizzjoni principali tal-kirja kienet inkisret. Barra minn hekk, gialadarba l-apparat konsenjat mill-bejjiegha ma kienx qed jaqdi l-funzjoni li talbet is-socjeta' kompratrici, dak l-apparat huwa <u>relattivament</u> difettuz fil-konfront tax-xerrejja.

Niehdu kaz li jien immur biex naghmel nuccali, jarani l-ispecjalista u jaghtini nuccali addattat ghalija, izda bih ma nkunx nista' nara sew. Oggettivament, dak in-nuccali ma jkun fih xejn difettuz, la jkun imkisser, la jkun tal-plastic, u xejn hazin, izda jekk huwa ma jkollux il-lenti li ghandi bzonn jien, dak in-nuccali ghalija huwa difettuz u jien ghandi r-rimedju tad-difett latenti. Artikolu 1424 tal-Kap 16 ghid li:

> 'Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba...."

Illi ghar-rigward ta' l-aggravju l-iehor li mhux minnu li s-socjeta' m'agixxietx ta' bonus pater familias, dan jikkostitwixxi apprezzament ta' fatti li l-esponent ma jarax ghalxiex ghandhom jigu disturbati. Madankollu, fid-dawl tas-suespost, jirrileva li kieku s-socjeta' appellanti riedet tagixxi ta' bonus pater familias, wara li baqghtet tircievi l-ilmenti da parti ta' l-appellata, hija kellha taghmel investigazzjoni serja ta' l-ilment. Kieku ghamlet investigazzjoni serja ta' l-ilment, kien jirrizultalha, bhal ma rrizulta lill-espert tekniku appuntat mill-Qorti, li dak l-apparat stallat ma kienx addattat ghall-fond ta' l-esponenti u ghax-xoghol li kien qed isir fih. Kif gia inghad, l-esponent mhux espert ta' l-arja kkondizzjonata, u jekk kellu xi problema, kellha tkun is-socjeta' appellanti li kellha ssolvihielu. Dan qatt ma ghamlitu, u baqghet tinsisti sa dan l-istadju ta' l-appell, li gialadarba l-aircondition <u>oggettivament</u> jahdem tajjeb, allura l-esponenti kellha toqghod bih, anke jekk dan ma jiswiha ghal xejn.

Illi l-aggravju l-iehor huwa wiehed purament ta' apprezzament ta'

fatti u cioe' li l-appellanta tghid li mhux veru li l-appellata kienet infurmatha li fil-fond in kwistjoni kellu jinhakk il-gobon. Mhux talli dan kien kollu minnu, talli l-air-conditioning unit twahhal proprju minhabba dan il-hakk tal-gobon. Il-haddiema kienu draw jahdmu fis-shana u kapaci jissapportuha, izda l-airconditioner kien mehtieg proprju ghaliex meta jumda l-gobon, dan jimmoffa. Ghalhekk kienu korretti kemm l-espert tekniku u kemm il-Qorti tal-Prim'Istanza li jikkonkludu li l-esponenti mill-ewwel ghamlitha cara li l-airconditioning kellu jkun addattat ghax-xoghol tal-hakk tal-gobon.

Illi finalment issir riferenza ghat-temperaturi indikati mill-appellanti, u ghall-estratti mill-ktieb "Ashras Application Hand Book", li bihom l-appellanti tipprova tiggustifika d-decizjoni taghha li thalli lill-esponenti teghreq (kemm metaforikanment kif ukoll litteralment) fil-problema taghha. Ktieb itik standards medji, izda kull kaz ikollu l-karatteristici partikolari tieghu. Il-fond ta' l-esponenti mhux kcina kummercjali kif indikat f'dak il-ktieb: kcina kummercjali f'dak il-ktieb tirreferi ghal kcejjen normali bhal ma huma ta' restaurants u ta' hotels. Hawnhekk si tratta speci ta' "kcina" specjali fejn jigi ppreparat certu ikel partikolari bhall-gobon mahkuk. Kieku kellna noqghodu fuq il-handbooks, allura l-Panta Marketing setghet ma baghtet inginier xejn qabel ma ddecidiet fuq l-apparat addattat, u semplicement talbet lill-esponenti ttiha l-qisien tal-fond. Ghalhekk tintbaghat persuna fuq il-post qabel ma jintaghzel l-apparat, biex jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolari.

In konkluzzjoni, is-socjeta' appellanti tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-air-conditioner in kwistjoni ma kienx tal-qawwa mitluba, liema konkluzjoni kienet kontradetta mill-espert tekniku. Bir-rispett kollu l-esponenti tirrileva li l-ewwel Qorti u l-espert tekniku qalu l-istess haga, u cioe' s-socjeta' appellata ma nghatatx airconditioning unit li kapaci jaqdi l-htigijiet taghha, u ghalhekk hemm bzonn ta' rimedju.

Ghaldaqstant is-socjeta' appellata tissottometti li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma”.

## <u>Is-sentenza ta' din il-Qorti</u>

6. Jirrizulta mir-rikors ta' l-appell li l-ewwel lanjanza tas-socjeta'

appellanti hija li, tenut kont ta' dak li hija ntalbet li tipprovdi, hija qdiet dan l-oneru bhala <u>bonus pater familias</u> u partikolarment li, mill-provi prodotti:-

> "Irrizulta illi s-socjeta' konvenuta kienet talbet biss ghal temperatura komda gewwa kcina kummercjali, b'riferenza partikolari ghas-sajf. Din il-kondizzjoni tal-bejgh zgur giet adempita........"

Illi minn dak li jemergi mill-provi, kif ukoll mis-sentenza mertu ta' dan l-appell, ir-raguni li, min-naha tas-socjeta' Discus Products Co. Ltd., gia Micallef Brothers Limited, l-appellata f'din il-procedura, waslet ghal din il-vertenza, ma kienetx dovuta ghall-fatt li l-air-conditioner supplit mis-socjeta' appellanti kien wiehed difettuz, la ghal dik li hija mekkanika, u lanqas ghal dik li hija installazzjoni. Il-punt kollu in kwistjoni kien u hu, invece, jekk dan l-apparat kienx tajjeb ghalbiex jintuza ghall-iskop mahsub da parti ta' min ordnah. Meta ghamlet l-ordni, is-socjeta' appellata riedet tassigura li jkollha <u>air-con ditioner</u> f'post partikolari - kcina kummercjali - li meta jithaddem izomm l-ikel hemm mizmum fi stat tajjeb. Dan ir-rekwizit specifiku kien gie spjegat lir-rapprezentanti tas-socjeta' appellata u dawn spezzjonaw il-post <u>de quo</u>. Il-parti esperta ta' dak li kien jinhtieg bhala tip u qawwa ta' apparat, ghall-fini fuq indikat, <u>kienet is-socjeta'</u> appellanti, bhala s-socjeta' fornitrici u mhux bil-maqlub. Kien proprju ghalhekk li l-appellanti baghtet ukoll, fost ohrajn, lit-tekniku taghha Victor Gauci, biex jara x'kien rikjest. Mill-provi akkwiziti m'hemmx dubbju li x-xelta li saret, da parti tas-

socjeta' appellanti, la kienet tajba u lanqas wahda idoneja. Ir-rizultat ahhari kien li bl-apparat in funzjoni, l-ikel (il-gobon) li kien jintuza fix-xoghol tas-socjeta' appellata beda jimmoffa u jithassar. Ir-relazzjoni peritali ta' l-espert tekniku tissottolineja dan kollu. Kif allura tajjeb osservat l-ewwel Qorti:

> "Kien ghalhekk l-obbligu taghhom (jigifieri tas-socjeta' appellanti), bhala esperti in materja li, anke jekk fehmu li l-kapacita' f'BTU's kienet stabbilita mix-xerrej, ma jikkonsenjawx u ma jistallawx apparat li kienu jafu li ma kienx ser jiffunzjona efficjentement jew almenu ma kienx ser ikun ta' utilita' ghax-xerrej. (sottolinejar tal-Qorti).

Din il-Qorti taqbel in toto ma' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti.

7. Illi bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mis-socjeta' appellanti fir-rikors ta' l-appell mhux bizzejjed ghaliha, biex tezimi ruhha mill-obbligi legali taghha versu x-xerrej, li tghid li t-temperatura ottenuta mill-apparat kienet konformi ma' livelli tar-regolamenti internazzjonali, jew li lilha ma sarulha ebda kondizzjonijiet specifici jew partikolari min-naha tax-xerrej. Il-fatti juru xort'ohra. Ix-xerrej, is-socjeta' appellata f'dan il-kaz, mill-bidunett indikat fejn u ghal liema skop htiegilha tinstalla air-conditioning unit. Fi kliem iehor, non si trattava semplicement ta' provvista ta' arja friska biss, imma l-apparat mixtri kien intiz ukoll ghal skop partikolari kif fuq inghad. Ghalhekk, kull riferenza ghall-provvista ta' apparat li kapaci jaghti u jzomm "temperatura komda", kellha u messha ttiehdet in relazzjoni max-xoghol u l-prodotti li kien hemm u li kienu jigu pprocessati fil-kcina kummercjali tax-

xerrej appellat. Evidentement jirrizulta li mhux hekk kien il-kaz u ta' dan kollu r-responsabilita' legali kienet taqa' unikament fuq spallejn is-socjeta' venditrici, f'dan il-kaz is-socjeta' appellanti. Ghalhekk ifisser li l-aggravji ta' l-appellant la huma fondati fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

Dep/Reg

mm